**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 398/2012**

**Illum: 10 ta' Lulju, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Herman Mula)**

**vs**

**Lindsey Zammit**
**(ID 407285(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Lindsey Zammit ta' 27 sena, bint David u Georgina nee` Cauchi, imwielda l-Pieta` fit-12 ta' Awwissu 1985, residenti gewwa 'Okella Agius', Flt 21, Triq Hal Qormi, Hamrun, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 407285(M);

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fl-10 ta' Settembru 2012 u fil-gimgha ta' qabel din id-data:

1. Assocjat ruhha ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex tbiegh jew titraffika f'dawn il-gzejjer medicina (cannabis resin) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromwoviet, ikkostitwixxiet, organizzat jew iffanzjat tali assocjazzjoni;

2. Assocjat ruhha ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex tbiegh jew titraffika f'dawn il-gzejjer medicina (herojina) bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromwoviet, ikkostitwixxiet, organizzat jew iffanzjat tali assocjazzjoni;

3. Kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

4. Kellha fil-pussess taghha d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

5. Talli minghajr l-awtorita` legittima dahhlet jew ippruvat iddahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs, u cioe` fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, oggetti jkunu li jkunu specifikatament medicina perikoluza (droga eroina u cannabis resin) liema oggett huwa projbit, u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1), (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti maghmula taht l-istess ligi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll il-

kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9, sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputata wiegbet illi m'hijiex hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha;

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2016, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa fil-kawza quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet ukoll lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputata ghandha tibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar l-10 ta' Settembru 2012, ghall-habta tas-2.00 a.m., saret *strip search* lill-imputata gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, meta marret sabiex izzur lis-sieheb taghha, certu Michael Portelli, li dak iz-zmien kien qed jinzamm il-habs. Ghalkemm din it-tfittxija tat ezitu negattiv, l-imputata ttiehdet gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija u hemmhekk minn jeddha ghaddhiet sustanza suspettata droga lill-ufficjali tal-pulizija, liema sustanza hija kienet hbietha fil-parti taghha.[1] L-imputata rrilaxxjat stqarrija nhar l-10 ta' Settembru 2012, wara li nghatat is-solita twissija li ma kinitx obbligata li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li taghmel dan, izda dak li tghid jista' jingieb bhala prova, u wara li rrifjutat d-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha.[2] Hija ghazlet li tikkonferma din l-istqarrija bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti fil-11 ta' Settembru 2012[3] u xehdet ukoll f'dawn il-proceduri.[4]

Mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut[5], jirrizulta illi huwa nghata *evidence bag* ghall-analizi tieghu, li kien jikkontjeni s-segwenti u cioe` i) sustanzi ta' lewn kannella li kienu go *cling film*; ii) haxix ta' lewn ahdar go *cling film*; (iii) 4 pakketti

---

[1] Ara x-xhieda ta' WCO 23 Vincienne Mangion (a fol. 29 *et seq* tal-process), ix-xhieda ta' WPS 136 Charlene Persiano (a fol. 32 *et seq* tal-process), ix-xhieda ta' WPC 23 Geraldine Buttigieg (a fol. 34 *et seq* tal-process), l-istqarrija u x-xhieda tal-imputata (a fol. 3 *et seq* tal-process u a fol. 103 sa 115 tal-process).
[2] Ara l-istqarrija tal-imputata a fol. 3 *et seq* tal-process.
[3] Ara l-process verbal dwar l-istqarrija guramentata tal-imputata (a fol. 39 *et seq* tal-process).
[4] A fol. 103 *et seq* tal-process.
[5] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 54 tal-process.

tal-*cling film* li kien fihom trab ta' lewn kannella. Ukoll skont l-istess relazzjoni, jirrizulta illi:

a) Fl-estratt mehud mis-sustanza ta' lewn kannella, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, sustanza li tigi mill-pjanta tal-kannabis. Il-piz totali tas-sustanza kien ta' 7.71 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 6%;

b) Fl-estratt mehud mill-haxix ta' lewn ahdar, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, sustanza li tigi mill-pjanta tal-kannabis. Il-piz total tal-haxix kien ta' 0.91 grammi[6] u l-purita` kienet ta' cirka 5%;

c) Fl-estratt mehud mit-trab ta' lewn kannella, instabet is-sustanza eroina. Il-piz tat-trab kien ta' 3.58 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 28%.

**Ikkunsidrat ukoll:**

L-imputata tinsab akkuzata bir-reat ta' assocjazzjoni sabiex tbiegh jew titraffika r-raza tal-*cannabis* u l-eroina u bil-pussess aggravat tal-istess droga, kif ukoll talli dahhlet jew ippruvat iddahhal id-droga fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

Fl-ewwel lok, il-Qorti ser tikkunsidra l-punt sollevat mid-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha u dan fis-sens illi ma giex ippruvat fil-grad rikjest mil-ligi, illi s-sustanza ossia d-droga esebita in atti hija l-istess sustanza li kienet fil-pussess tal-imputata u li hija stess ghaddiet lill-Ufficjali tal-Pulizija gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija. L-ilment tad-difiza jemergi mill-fatt illi l-esebit li gie analizzat mix-Xjenzat Godwin Sammut ma jikkontjenix il-firma tal-imputata u in oltre illi l-imputata ma kinitx prezenti meta giet elevata s-sustanza minn PC 1392 ossia s-*Scene of the Crime Officer*.

Il-Qorti tinnota illi kif tajjeb tghid id-difiza, PC 1392 Kevin Buhagiar, wiehed mis-*Scene of the Crime Officers* nominat mill-Magistrat Inkwirenti fl-inkjesta li saret dwar dan il-kaz, fir-relazzjoni tieghu, jghid illi meta huwa acceda gewwa l-ufficju tal-Ispettur Mula sabiex jaqdi l-inkarigu lilu moghti, kien hemm prezenti l-Ispettur Herman Mula u l-kollega tieghu PS 404 Paul Camilleri, wkoll *Scene of the Crime Officer* inkarigat f'dan il-kaz. Fir-relazzjoni tieghu, imbaghad, PS 404 Paul Camilleri ma jindikax min kien prezenti, salv illi jghid illi huwa acceda gewwa l-ufficju tal-Ispettur Herman Mula flimkien ma' PC 1392. Ma jidhirx ghalhekk illi

[6] Il-Qorti qeghda hawnhekk tqis il-piz illi x-Xjenzat Godwin Sammut jindika fir-relazzjoni tieghu u mhux il-piz ta' 9.1 grammi li jidher li gie indikat minnu erronjament fix-xhieda tieghu (a fol. 52 u 53 tal-process).

l-imputata kienet prezenti waqt li s-sustanza in kwistjoni giet iffotografata minn PS 404 u sussegwentement elevata minn PC 1392.

Biss il-Qorti tinnota wkoll illi jirrizulta mill-atti illi l-imputata ghaddiet is-sustanza minn jeddha lill-Ufficjali tal-Pulizija WPS 136 Charlene Persiano, WPC 23 Geraldine Buttigieg u lil WCO 23 Vincienne Mangion gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, kif fil-fatt jixhdu t-tliet ufficjali msemmija. Fix-xhieda taghha, WPS 136 Charlene Persiano tghid ukoll illi "*Id-droga imbaghad ghaddejniha lill-ispettur u l-ispettur kompla bl-investigazzjonijiet*".[7] Li l-Ispettur Herman Mula kien ukoll prezenti gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija fl-istess hin huwa wkoll evidenti mix-xhieda tieghu, meta huwa jghid illi "*Ghidtilhom biex igibuha l-ufficju tieghi biex inkellimha, qghadt inkellimha ftit, imbaghad speci bdiet tibki u qaltilna li kellha xi droga fil-parti taghha. Tkellimna maghha, ikkonvincejniha biex tnehhiha hi minn jeddha u tghata lilna, ghaddietilna*".[8] Fir-relazzjoni tieghu, PC 1392 Kevin Buhagiar jghid illi kien ghall-habta tal-4.25 p.m., meta gie nfurmat mill-Ispettur Mula bin-nomina tieghu u li huwa acceda gewwa l-ufficju tal-istess Spettur Mula dakinhar stess ghall-habta tal-4.30 p.m., fejn prezenti, apparti l-kollega tieghu PS 404, kien hemm l-istess Spettur Mula. Jghid ukoll illi hekk kif wasal fuq il-post, giet indikata lilu bicca materjal solida imgezwra fil-plastik u bicca hajta ta' lewn ahmar marbuta maghha.[9] L-istess hin ossia dak tal-4.30 p.m. gie wkoll indikat minn PS 404 fir-relazzjoni tieghu bhala l-hin li huwa acceda gewwa l-ufficju tal-Ispettur Mula, fejn huwa ha hsieb ix-xoghol tal-fotografija. Is-sustanza li tidher fir-ritratti migbuda minnu hija dik deskritta minn PC 1392 fir-relazzjoni tieghu. Kif jirrizulta wkoll mir-relazzjoni tal-istess PC 1392, huwa ghadda s-sustanza elevata minnu lix-Xjenzat Godwin Sammut fit-18 ta' Settembru 2012.[10] Fir-relazzjoni tieghu, l-istess PC 1392 jghid ukoll illi bi zvista, fl-ewwel pagna tal-ircevuta (*submission form*) in-numru tar-referenza tal-laboratorju gie indikat bhala FS 121779 minflok FS 121782 u 12 CQK minflok 12 CQN u jikkoregi dan l-izball fir-relazzjoni tieghu. Fil-fatt mill-istess *submission form* jirrizulta illi l-esebit mghoddi lix-Xjenzat Godwin Sammut igib in-numru 12 CQN 01, kif indikat fir-relazzjoni ta' PC 1392 u in oltre mir-relazzjoni tal-espert Sammut, jirrizulta illi apparti illi l-oggetti minnu analizzati kienu lkoll go *cling film* - kif wara kollox kien ukoll l-oggett iffotografat minn PS 404 u kif ukoll deskritt minn PC 1392 fir-relazzjoni tieghu – l-*evidence bag* li huwa rcieva u fih kienu jinsabu l-oggetti minnu deskritti jgib in-numru S00172763 li huwa l-istess numru

[7] Ara a fol. 32 tal-process.
[8] A fol. 26 tal-process.
[9] Ara a fol. 98 tal-process.
[10] Ara s-*submission form*, a fol. 61 u 101 tal-process.

fuq l-*evidence bag* li jidher fir-ritratt 121782-CQN. 101 mehud minn PS 404 Paul Camilleri.[11]

M'hemmx dubju ghalhekk illi ghalkemm l-imputata ma gietx mitluba tiffirma fuq l-*evidence bag* in kwistjoni – li *del resto* kellu l-firem ta' PC 1392 li ha hsieb jelevah u anke ta' WPC 23, li wkoll kienet involuta f'dan il-kaz, kif inghad izjed 'il fuq – biss tirrizulta pruvata il-kontinwita` tal-evidenza b'tali mod li ma thallix dubju f'mohh il-Qorti illi s-sustanza li kellha fil-pussess taghha l-imputata u li ghaddietha minn jeddha hija stess lill-pulizija prezenti, kienet l-istess sustanza li giet elevata minn PC 1392 u analizzata mill-espert Sammut. Dwar dan, apparti li tirrizulta l-kontinwita` tal-evidenza, kif inghad, il-Qorti tosserva wkoll is-segwenti: fl-ewwel lok, kienet l-imputata stess li ghaddiet is-sustanza lill-pulizija gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Hawnhekk ma kienx il-kaz ghalhekk illi l-pulizija sabu din is-sustanza fl-assenza tal-imputata fejn allura wiehed forsi jifhem izjed l-argument tad-difiza dwar in-nuqqas ta' certezza morali. Anzi l-Qorti tqis ukoll illi meta jinstabu u jigu elevati minn fuq ix-xena tad-delitt xi provi li jistghu jkunu relevanti u materjali ghall-kaz, l-eventwali akkuzat mhux dejjem ikun prezenti waqt l-elevar ta' tali provi, specjalment jekk f'dak li stadju ma jkunx maghruf u certament li ma jiffirmax fuq l-istess. Dan wahdu, ghalhekk, ghandu jwassal ghall-konkluzjoni li ma jkunx hemm certezza dwar l-evidenza hekk misjuba u migbura? Fit-tieni lok, il-Qorti tqis ukoll illi lanqas ma ghadda xi hin twil mill-hin li s-sustanza inghatat mill-imputata lill-ufficjali prezenti sal-hin li din giet elevata minn PC 1392, f'liema kaz forsi seta' jinholoq dubju dwar jekk is-sustanza hekk elevata kinitx is-sustanza mertu tal-kaz. Mix-xhieda ta' WCO 23 jirrizulta illi hija giet ordnata taghmel *strip search* lill-imputata ghall-habta tas-2.00 p.m. Minn dak il-hin, stante li l-istess *strip search* irrizultat fin-negattiv, l-imputata ttiehdet gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija sabiex hija taghti l-kunsens taghha biex issirilha *x-ray*, tat dan il-kunsens u giet mitkellma mill-Ispettur, wara liema hin iddecidiet illi taghti minn jeddha s-sustanza fil-pussess taghha. Kif inghad izjed 'il fuq, PS 1392 u PC 404 accedew gewwa l-Ufficju tal-Ispettur Mula ghall-habta tal-4.30 p.m. u ghalhekk jidher car illi ma setax ghadda wisq hin minn meta l-imputata ghaddiet is-sustanza lill-ufficjali tal-pulizija. Fit-tielet lok, il-Qorti tinnota wkoll illi kif jirrizulta mid-deskrizzjoni tal-oggett elevat minn PC 1392, skont l-istess PC 1392, flimkien mal-bicca materjal solida imgezwra fil-plastik, kien hemm ukoll bicca hajta ta' lewn ahmar marbuta mal-istess. Jirrizulta mix-xhieda tal-Ufficjali tal-Pulizija prezenti u anke mill-istqarrija u x-xhieda tal-imputata f'dawn il-proceduri illi s-sustanza kienet mohbija fil-parti tal-imputata. Il-Qorti tqis illi m'ghandhiex

[11] Ara dan ir-ritratt a fol. 74 tal-process.

ghalfejn toqghod tidhol f'dettal zejjed, izda l-iskop tal-bicca hajta ta' lewn ahmar huwa evidenti u jikkombacja perfettament ma' dan il-fatt.

Ghaldaqstant, ikkunsidrat dan kollu, il-Qorti m'ghandhiex dubju illi s-sustanza elevata minn PS 1392 Kevin Buhagiar u analizzata mix-Xjenzat Godwin Sammut hija l-istess sustanza li kienet fil-pussess tal-imputata odjerna fil-jum in kwistjoni.

Fit-tieni lok, fin-nota taghha, id-difiza ssottomettiet ukoll illi stante li l-imputata ma kinitx assistita minn avukat <u>waqt</u> it-tehid tal-istqarrija taghha, il-Qorti ghandha tiskarta tali stqarrija, kif ukoll ix-xhieda taghha quddiem il-Magistrat Inkwirenti, fejn l-istess imputata kkonfermat din l-istqarrija bil-gurament taghha. L-imputata rrilaxxjat l-istqarrija taghha nhar l-10 ta' Settembru 2012 u ghalhekk fiz-zmien meta l-ligi Maltija kienet tipprovdi lill-persuna arrestata bid-dritt ghall-parir legali <u>qabel</u> l-interrogatorju taghha, liema dritt gie fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviz Legali 35/2010, izda qabel dahal fis-sehh id-dritt ta' persuna li tkun hekk assistita anke waqt l-interrogatorju taghha, introdott fil-ligi Maltija permezz tal-Att LI tas-sena 2016. Fil-fatt, l-imputata nghatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrija taghha, liema dritt hija ghazlet li ma tezercitahx.[12] Il-Qorti madankollu tqis illi m'ghandhiex ghalfejn tidhol f'dan il-punt sollevat mid-difiza ossia jekk il-fatt illi hija ma nghatatx id-dritt ghall-assistenza legali <u>waqt</u> l-interrogatorju taghha, ghandux iwassal lill-Qorti sabiex tiskarta din l-istqarrija, kif ukoll ix-xhieda taghha quddiem il-Magistrat Inkwirenti, fejn ikkonfermat tali stqarrija. Dan ghaliex fix-xhieda taghha matul dawn il-proceduri, id-difiza ghamlet referenza lill-imputata ghall-istqarrija rilaxxjata minnha, u l-imputata kkonfermat l-istess stqarrija ghajr ghall-fatt illi fix-xhieda taghha, kuntrarjament ghall-istqarrija, hija tghid illi ma kinitx taf li fil-pussess taghha kellha d-droga. Fil-fatt il-Qorti tqis illi tista' tasal ghall-konkluzjonijiet taghha, lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, <u>anke jekk ma tqisx</u> din il-parti tal-istqarrija fejn l-imputata ssostni li Portelli qalilha biex tahbi l-oggett in kwistjoni fil-parti taghha, ghaliex kienet droga u biex ghalhekk din ma tinstabx meta ssirilha *strip search.*

Fil-fehma tal-Qorti, meta tigi biex tqis jekk l-imputata kellhiex dik ix-xjenza necessarja li trid il-ligi u cioe` jekk hija kinitx taf illi kellha d-droga fil-pussess taghha, kemm mill-fatti stess li taw lok ghal dan il-kaz, kif ukoll mill-istqarrija u x-xhieda tal-imputata f'dawn il-proceduri, tista' tasal ghall-konkluzjoni illi m'hemmx dubbju illi l-imputata fil-fatt kienet taf illi l-oggett fil-pussess taghha kien droga. Dwar dan ghalkemm fix-xhieda taghha f'dawn il-proceduri, l-imputata tghid illi hija ndunat li l-oggett in kwistjoni kien droga biss meta giet arrestata u li

[12] Ara d-dikjarazzjoni tal-imputata esebita a fol. 28 tal-process.

f'din l-okkazzjoni Portelli ma kienx qalilha li kellha ddahhallu d-droga izda rrefera sempliciment ghall-borza jew pakkett li kellha ggiblu, jirrizulta car kemm mix-xhieda taghha, kif ukoll mill-istqarrija rilaxxjata minnha, illi ma kinitx l-ewwel darba illi Portelli ossia s-sieheb taghha kien talabha biex iddahhallu d-droga l-habs, ghalkemm qatt ma kienet accettat u tghid ukoll specifikatament illi f'dawn l-okkazzjonijiet huwa kien talabha sabiex iddahhallu l-eroina.[13] In oltre apparti li Portelli kien talab lill-imputata drabi ohra sabiex iddahhallu d-droga u ghalhekk il-Qorti ma ssibx lill-imputata kredibbli meta tghid illi ma kinitx taf li kienet qed iggorr id-droga dakinhar tal-10 ta' Settembru 2012, huwa evidenti wkoll mit-twegibiet taghha fl-istqarrija u anke fix-xhieda taghha f'dawn il-proceduri, illi hija kienet taf x'kienet qeghda ggorr u x'kien talabha ggiblu Portelli. Hekk per ezempju fl-istqarrija taghha, hija tghid hekk b'referenza ghat-talba ta' Portelli sabiex iggiblu l-borza li ssemmi fl-istess stqarrija: "*Jien ghedtlu li ma ridtx u bdejt ingerger u nibki imma hu nsista, qalli giba ghax nifqak*"[14] u tghid ukoll hekk meta gie ssugerit lilha illi din ma kinitx l-ewwel darba li dahhlet id-droga lil Portelli gewwa l-habs: "*Jien gieli qalli drabi ohra imma qatt m'accettajt biss baqa jinsisti sakemm kelli ncedi u din id-darba accetajt*".[15] Anke fix-xhieda taghha, f'dawn il-proceduri, l-imputata tghid illi fil-viziti li kien ikollha ma' Portelli huwa kien jitlobha biex iddahhallu d-droga, "*Bdejt nghidlu ""le, le, le, le," beda jghidli "jekk mhux ha ddahhal nifqak", joqrosni minn taht sakemm accettajt*"[16] u "*beda jghidli "ejja, ejja", bdejt nghidlu "qed nibza".*[17] Fil-fehma tal-imputata, Portelli beda jagixxi b'dan il-mod ghax kien mugugh min-nuqqas ta' droga (*sick*) u tghid ukoll illi drabi ohrajn gieli qalilha biex "iddahhallu" ghax kien qieghed *sick* u dan, skont l-imputata stess, b'referenza ghall-eroina. Fil-fehma tal-Qorti dan juri bic-car illi l-imputata kienet ben konsapevoli tal-fatt illi hija kienet giet mitluba minn Portelli sabiex iddahhal id-droga gewwa l-habs u kienet ukoll konsapevoli illi dak li kienet qed iggorr fuqha kien fil-fatt droga. M'hijiex kredibbli ghalhekk l-imputata meta tghid illi lanqas kienet taf x'kien hemm fil-borza – anke ghaliex kieku dan kien minuu, ma kienx ikollha ghalfejn tibza' - u illi "*hassejt, imma lanqas idea ma kelli, xejn*" – fiha nnifisha, din tal-ahhar, dikjarazzjoni kontradittorja. Anzi tant hija kontradittorja din id-dikjarazzjoni tal-imputata illi meta gie ssugerit lilha mill-Prosekuzzjoni, in kontro-ezami, illi kien giha l-hsieb li l-oggett kien droga stante li Portelli kien talabha biex iddahhal id-droga f'okkazzjonijiet precedenti, hija tghid illi "*Xi haga hazina kien hemm la qalli, "ghamilha fil-parti tieghek u gibieli hawn gew*"[18], "*ovvja*"[19] u "*Le, xi haga hazina ovvja, naf li kont ser naghmel xi haga*

[13] A fol. 113 tal-process.
[14] A fol. 4 tal-process.
[15] A fol. 4 tal-process.
[16] A fol. 107 tal-process.
[17] A fol. 107 tal-process.
[18] A fol. 113 tal-process.

*hazina*".[20] L-imputata fil-fatt ghamlet dak li qalilha Portelli u cioe` hbiet l-oggett in kwistjoni fil-parti taghha. Ghaliex ghamlet dan l-imputata? Proprju ghaliex kienet ben konxja tal-fatt illi dak li kienet qed iggorr kien droga u sabiex fl-eventwalita` li ssirilha tfittxija, din ma tinstabx. <u>Anke dan il-fatt wahdu</u>, minghajr ebda dikjarazzjoni tal-imputata, huwa bizzejjed fih inniffsu, sabiex jikkonvinci lill-Qorti illi l-imputata kienet taf x'qeghda taghmel. Il-Qorti tinnota wkoll illi fix-xhieda taghha l-imputata tghid illi Portelli kien baghatha tigbor dan l-oggett minn taht gebla li kienet tinsab taht sigra gewwa l-Pieta`, li ghamlet dak li talabha u li dan kien ilu ghandha minn wara l-vizta tal-gimgha ta' qabel. Anke dan ossia illi giet mitluba tigbor dan l-oggett minn tali post diga` huwa indikattiv tal-fatt li kienet giet mitluba tigbor id-droga, u izjed minn hekk anke jekk wiehed ihares lejn l-oggett in kwistjoni, ma jridx wisq immaginazzjoni biex jinduna x'kien il-kontenut tieghu u dan il-Qorti qeghda tghidu minn semplici harsa lejn ir-ritratti esebiti fl-atti. L-imputata izda zammet l-oggett ghandha ghall-perjodu ta' gimgha u wara hbietu fejn hbietu, izda tghid illi ma kinitx taf li kien jikkontjeni d-droga! Huwa evidenti illi l-imputata mhijiex kredibbli f'din il-parti tax-xhieda taghha u fil-fatt, il-Qorti m'ghandhiex l-icken dubju illi hija kienet taf illi dak li kienet qeghda tahbi fil-parti taghha kien proprju droga.

Determinat dan il-punt, fid-dawl tal-fatt illi jirrizulta fil-grad rikjest mil-ligi, illi l-imputata kellha d-droga eroina u r-raza tal-*cannabis* fil-pussess taghha[21] u li kienet ukoll konsapevoli illi hija kienet qed iggorr id-droga, u la darba jirrizulta car illi tali droga ma kinitx intiza ghall-imputata izda ghas-sieheb taghha, liema droga kienet ilha fil-pussess taghha mill-gimgha ta' qabel, isegwi wkoll illi gie ppruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi l-imputata kellha l-pussess aggravat tar-raza tal-cannabis u tal-eroina, ai termini tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet.

Mill-provi prodotti, jirrizulta car ukoll illi fil-jum in kwistjoni, l-imputata dahhlet id-droga gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, ai termini tal-hames imputazzjoni, b'dan illi dan l-ahhar reat kien limitat ghall-10 ta' Settembru 2012 u mhux ghall-gimgha ta' qabel din id-data, stante li mill-provi jidher illi kienet din l-ewwel okkazzjoni li fiha l-imputata dahhlet jew ippruvat iddahhal id-droga gewwa l-habs. F'dan ir-rigward, id-difiza tikkoncedi illi l-imputata ppruvat iddahhal is-sustanza l-habs, izda ssostni illi hija volontarjament waqfet milli ddahhal din is-sustanza, stante li minn jeddha hija ghaddietha lill-pulizija meta din ma nstabitx

---

[19] A fol. 114 tal-process.
[20] A fol. 114 tal-process.
[21] Ghalkemm jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut illi d-dokument li huwa nghata ghall-analizi kien jikkontjeni wkoll il-pjanta tal-*cannabis*, biss ic-*charge sheet* odjerna ma tinkludix imputazzjonijiet dwar il-pussess tal-pjanta tal-*cannabis* ai termini tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101.

wara li saritilha *strip search* gewwa l-habs. Skont id-difiza, ghalkemm il-pulizija ma sabulha xejn waqt it-tfittxija, kienet hi stess li ddecidiet li minn rajha tieqaf mill-esekuzzjoni tad-delitt in kwistjoni u tghaddi l-pakkett fil-pussess taghha lill-pulizija. Ghalhekk skont id-difiza, l-imputata ghandha tibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 41(1)(b) tal-Kap. 9.

F'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva illi l-Artikolu 7 tal-Kap. 260 jipprovdi illi:

> (1) *Meta xi persuna, li ma tkunx ufficjal tal-habs jew persuna ohra mpjegata fil-habs, minghajr l-awtorita` legittima, iddahhal jew tipprova ddahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs xi oggett ikun li jkun li hu pprojbit skont xi regolamenti maghmula skont dan l-Att, jew iggorr jew tipprova ggorr xi oggett bhal dak barra minn xi habs, tkun hatja ta' reat u tehel, meta tinstab hatja ....*
>
> (2) *Meta l-oggett li jidhol jew li sar attentat biex jidhol f'habs kif intqal qabel ikun ... xi medicina li tkun medicina perikoluza skont l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi ... il-piena tkun prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn xahar u mhux izjed minn tmintax-il xahar kemm il-darba ma jkunx hemm provduta piena oghla taht xi ligi ohra.* [sottolinear tal-Qorti]

Ghalhekk huwa car minn dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi, illi anke t-tentattiv ossia li persuna tipprova ddahhal oggett projbit – f'dan il-kaz, droga – gewwa l-habs huwa punit daqs ir-reat komplut u cioe` daqs li kieku persuna jirnexxielha ddahhal dak l-oggett projbit gewwa l-habs. Hawnhekk il-ligi tmur lil hinn mid-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali dwar it-tentattiv u ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li ssostni d-difiza, l-Artikolu 41 tal-Kap. 9 ma jsibx applikazzjoni f'dan il-kaz.

Fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet ossia dawk dwar l-assocjazzjoni, l-Artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi jkun hati ta' reat kontra l-istess Ordinanza kull min "*jassocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigh jew jittraffika medicina f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assocjazzjoni*".

L-Artikolu 22(1A) tal-istess Kap. 101 imbaghad ikompli jghid, b'referenza ghas-sub-artikolu citat, illi "*l-assocjazzjoni ta' persuni ... tezisti malli jigu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni ghandhom jimxu*".

Fis-sentenza moghtija fis-6 ta' Marzu 2003, fl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs Steven John Caddick, Phillip Walker, *Omissis*</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri elenkat it-tlett elementi necessarji sabiex tissussiti l-assocjazzjoni fil-kaz ta' droga. B'referenza ghall-indirizz mill-Ewwel Qorti lill-gurati, il-Qorti qalet hekk:-

"*… the First Court correctly stated that the three elements that had to be proved for the crime of conspiracy to result, were the agreement between two or more persons, the intention to deal in drugs and the agreed plan of action; and, as also correctly stated by the First Court, "it is irrelevant whether that agreement was ever put into practice".*

*… although it is true that for the crime of conspiracy to subsist it does not have to be proved that the agreement was put into practice, the converse is not true, that is that evidence of dealing does not necessarily point to a conspiracy.*

*Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between two or more persons" (section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy <u>and</u> the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices ...*".

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Ellul</u>** deciza fis-17 ta' Marzu 2005. F'dak il-kaz, wiehed mill-aggravji tal-appellant kien fis-sens illi ma kien hemm l-ebda prova ta' ftehim jew assocjazzjoni. Il-Qorti qalet hekk:

*"Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa t-tieni stqarrija ta' Philip Magri u x-xhieda li ta waqt il-guri u tistqarr li minnhom ma jirrizultax li gew "ikkumbinati jew miftehma l-mezzi" li bihom l-appellant u Magri kellhom jimxu sabiex ibieghu d-droga jew jittraffikaw medicina perikoluza.*

*F'Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003 naqraw:*

***"The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself: Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317; R. v. Warburton (1870) L.R. 1 C.C.R. 274; R. v. Tibbits and Windust [1902] 1 K.B. 77 at 89; R. v. Meyrick and Ribuffi, 21 Cr.App.R. 94, CCA. Nothing need to be done in pursuit of the agreement: O'Connell v. R. (1844) 5 St.Tr.(N.S.) 1."*** (Ara para. 33-4, pagna 2690).

***"The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it: R. v. Parsons (1763) 1 W.BI. 392; R. v. Murphy (1837) 8 C. & P. 297. Proof of the existence of a conspiracy is generally a "matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them": R. v. Brisac (1803) 4 East 164 at 171, cited with approval in Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317"*** (Para. 33-11, pagna 2692)."

Ghalhekk huwa necessarju li sabiex tirrizulta l-imputazzjoni tal-assocjazzjoni kif dedotta kontra l-imputata, irid jirrizulta, lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, il-ftehim bejn zewg persuni jew aktar, l-intenzjoni li tigi negozjata d-droga u l-ftehim dwar il-modalita` tal-pjan ta' azzjoni.

Kull ma jirrizulta mill-provi huwa illi l-imputata giet mitluba mis-sieheb taghha Portelli sabiex tigbor id-droga minn post partikolari u tghaddihielu billi ddahhal din id-droga l-habs fil-vizita sussegwenti tal-10 ta' Settembru 2012 u li l-imputata accettat li taghmel dan. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni, ma jista jinghad illi tirrizulta l-assocjazzjoni da parti tal-imputata. Jirrizulta sempliciment ftehim bejn l-imputata u Portelli fis-sens hawn fuq spjegat, izda ma tezisti l-ebda prova li kien hemm xi intenzjoni da parti tal-imputata flimkien ma' Portelli, li tinnegozzja d-droga jew illi kien hemm xi ftehim bejniethom dwar il-modalita` tal-pjan ta' azzjoni sabiex tigi negozjata d-droga. Ma jistax jinghad li jirrizulta illi kien hemm xi ftehim bejn l-imputata u Portelli illi jittraffikaw id-droga bhal ma lanqas ma jirrizulta illi gew 'ikkumbinati jew miftiehma mezzi' li bihom huma kellhom jimxu sabiex ibieghu jew jittraffikaw id-droga. Dak li jirrizulta huwa biss l-insistenza ta' Portelli sabiex l-imputata ggiblu d-droga u li l-imputata accettat li taghmel dan. Dan bl-ebda mod ma jista' jwassal ghall-inferenza li allura bejn l-imputata u Portelli kien hemm assocjazzjoni ai termini tal-Artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ghalhekk m'hijiex sodisfatta illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel zewg imputazzjonijiet fil-grad rikjest mil-ligi.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Il-Qorti ser tghaddi issa biex tikkunsidra jekk l-imputata kellhiex il-volonta` hielsa li trid il-ligi sabiex ikun jista' jinghad illi kienet kriminalment responsabbli dwar l-atti minnha kommessi. Dan ghaliex il-Qorti ghandha tkun moralment konvinta mhux biss illi l-imputata materjalment wettqet ir-reati kkontemplati fit-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet, izda wkoll illi hija kellha dik l-intenzjoni volontarja u hielsa li taghmel l-atti materjali kriminanti u dan lil hinn minn kull dubju ragjonevoli. Fis-sottomissjonijiet taghha, id-difiza taghmel referenza ghax-xhieda u ghar-rapport tal-psikologa Roberta Holland, kif ukoll ghax-xhieda tal-istess imputata u ghall-fatt illi Portelli kien jezercita kontroll eccessiv fuq l-istess imputata, li da parti taghha kienet imbezza' minnu. Ghalhekk skont id-difiza, l-imputata wettqet ir-reati in kwistjoni minghajr ma kellha dik il-volonta` li trid il-ligi.

Kif jghid il-Professur Mamo fin-noti tieghu, l-element formali li jrid jissussisti sabiex wiehed jinstab hati ta' reat kriminali jikkonsisti fis-segwenti:

a) *The power of* <u>*volition*</u>*: i.e., the offender must be able to "help doing" what he does;*

b) <u>*knowledge*</u> *that what the offender is doing is wrong; wrong, either intrinsically or, at any rate, in prospect of such circumstances as he has grounds for foreseeing;*

c) <u>*foresight*</u> *of such circumstances.*[22]

L-Artikolu 33 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"*Kull persuna tkun ezenti minn responsabilita` kriminali jekk fil-waqt tal-att jew tan-nuqqas –*

…

*(b) kienet imgieghla b'forza barranija li ma setghetx tirrezisti ghaliha*".

[22] *Lectures in Criminal Law (First Year)*, pagna 60.

F'dan ir-rigward, fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' Settembru 2001, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Gauci**, il-Qorti fissret l-elementi ta' din l-iskriminanti b'dan il-mod:

"*Sabiex tirnexxi din il-linja ta' difiza, jigi rilevat mal-ewwel li mhux kull tip jew forma ta' forza barranija hija accettata ghall-fini tad-dispost ta' l-imsemmi Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9. Ukoll, sabiex tigi eskluza l-intenzjoni kriminali, iridu necessarjament jikkonkorru r-rekwiziti li ser jigu spjegati issa.*

***L-ewwel nett**, din **trid tkun forza barranija gejja minn haddiehor**, kif gja' intqal, u trid tkun tali li minhabba fiha bniedem ma jkunx responsabbli ghal dak li jaghmel, trid tkun forza barranija li tinnewtralizza kompletament il-volonta` tal-bniedem, li twasslu jew ggieghlu jaghmel xi haga kontra l-volonta' tieghu, haga li fin-normalita` tal-hajja ma kienx altrimenti jaghmel.*

***Fit-tieni lok, trid tkun forza barranija li qed issir fuq bniedem mhux biss qabel ma hu jaghmel dak li jigi mgieghel li jaghmel kontra l-volonta' tieghu, izda trid tkun ezistenti fil-waqt li hu qieghed, effettivament, iwettaq dak l-eghmil.** L-Artikolu kwotat qabel fil-fatt isemmi l-kliem "fil-waqt ta' l-att". Ghalhekk jekk fil-mument li jsir l-att materjali, ma hemmx din il-forza barranija ezistenti, ma jistghax japplika l-Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9. F'dak il-kaz mhiex eskluza l-intenzjoni kriminuza.*

***Fit-tielet lok**, din il-forza barranija gejja minn haddiehor, trid tkun wahda **irrezistibbli**. Dan ifisser mhux biss li dak li jkun ma jfittex jew ma jipprovax li jirrezistiha, mhux biss li dak li jkun ma jaghmilx l-icken sforz biex jehles minn dik il-forza barranija biex ma jasalx jaghmel dak li qed jigi sfurzat li jaghmel, izda trid necessarjament tkun forza barranija li bniedem bla ebda mod ma jista' jieqfilha, jirrezistiha, jehles minnha. Trid tkun forza barranija tassew irrezistibbli li bniedem ma jkunx kapaci li jirrezistiha. Dan l-element ta' irrezistibilita' tal-forza barranija, mela, hu element verament essenzjali w ferm importanti. Trid tkun forza barranija, ghalhekk, li bniedem verament ma jistghax jirrezisti, u mhux xi forza li ma jipprovax jirrezisti. Kif jghid il-Professur Mamo, trid tkun forza "truly irresistible and not merely unresisted."*

***Fir-raba' lok**, din ic-cirkostanza tal-**forza barranija trid necessarjament tkun wahda serja jew gravi hafna, fis-sens li tista' twassal ghall-konsegwenzi serji jew gravi hafna**. Per ezempju, bniedem jigi mhedded bil-mewt, b'pistola ma'rasu, jekk ma jaghmilx dak li qed jigi mgieghel li jaghmel. Tista' tiehu l-forma ta'minaccja*

*jew theddid ta'mewt ta' xi hadd tal-familja, li ssir lill-minaccjat biex jigi mgieghel jaghmel xi haga. Iridu jkunu cirkostanzi serji jew gravi li, imqarr fuq il-grad tal-probabbli, juru din il-forza barranija rrezistibbli, gejja minn haddiehor, forza ta' certa gravita', tant li f'dak il-mument, il-bniedem minaccjat* ***ma jkollux triq ohra*** *hlief li jesegwixxi dak li qed jigi mgieghel li jaghmel kontra il-volonta' tieghu. Iridu jkunu cirkostanzi dawn li jekk dak il-bniedem minaccjat ma jaghmilx dak li qed jigi sfurzat li jaghmel, allura, hemm il-perikolu serju w reali li dak it-theddid jew minaccji jissarrfu f'realta'. Iridu jkun cirkostanzi li juru, imqar sal-grad tal-probabbli, li dak il-bniedem minaccjat <u>ma kellu ebda triq ohra</u>, ma setghax jirrezistihom jew jikkombattihom, jigifieri, bilfors kellu jaghmel dak li kien qed jigi mgieghel jew sfurzat li jaghmel.*

*Isegwi, allura, illi jekk il-bniedem minaccjat ikollu xi triq alternattiva li biha jista' jehles minn dik il-forza barranija, kif ukoll mid-dannu konsegwenzjali ta' dik il-minaccja, u hu, izda, jonqos milli jaghmel uzu tajjeb minn din it-triq alternattiva, allura l-Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9 ma jkunx jista' jigi nvokat jew applikat. Cioe', jekk, f'xi kaz partikolari, fejn bniedem qed ihossu jew qed jigi mhedded gravement b'xi forza barranija, jekk tezisti l-possibilita' li b'xi mod dak it-theddid u l-konsegwenzi tieghu jistghu jigu newtralizzati, allura, hu ghandu l-ewwel nett japprofitta ruhu minn dik l-opportunita'. Jekk ma jaghmilx hekk, u jesegwixxi l-att li qed jigi mgieghel li jaghmel permezz ta' dik il-forza barranija, gravi kemm hi gravi, allura f'dak il-kaz ir-responsabilita' kriminali tieghu ma tkunx eskluza w l-Artikolu 33 (b) tal-Kap. ma japplikax.*

*…*

*Illi minn dan kollu li gie enuncjat sa issa, jidher car, ghalhekk, li din il-linja difensjonali tal-koerzjoni hi kollha kemm hi kwistjoni ta' cirkostanzi, ta' fatti li jemergu mill-provi. Dawn il-fatti jridu jkunu tali li jikkonvincu lil min ghandu jiggudika, imqarr sal-grad tal-probabbli, li tassew l-bniedem li ghamel l-att kriminanti ma setghax, fic-cirkostanzi li sab ruhu fihom, jehles minn dik il-forza barranija <u>bla ebda mod iehor hlief milli jaghmel dak li kien imgieghel li jaghmel, cioe' ma kellux alternattiva ohra kif jista' jehles minn dik il-forza barranija</u>*" [enfasi u sottolinear ta' dik il-Qorti].

Issa f'dan ir-rigward, il-Qorti fl-ewwel lok qieset dak li nghad mill-imputata fir-rigward tad-decizjoni taghha li taghmel dak li gie rikjest minnha minn Portelli. Kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnha, kif ukoll fix-xhieda taghha, hija tghid illi ghalkemm hija bdiet tgerger u tibki, huwa baqa' jinsisti maghha u qalilha "*giba*

*ghax nifqak*"[23], "*jekk mhux ha ddahhal nifqak*"[24], li beda joqrosha minn taht[25] u tghid illi qalilha biex iddahhal il-borza in kwistjoni ghaliex kienet ser tispicca hazin. Hija fehmet li kien ser ipattihielha jekk hija ma taghmilx dak li jghidilha u dan billi jsawwatha.[26] Tghid ukoll illi huwa gieli staqsiha drabi ohra biex iddahhal id-droga, izda hija qatt ma accettat, li madankollu huwa baqa' jinsisti sakemm kellha ccedi u accettat li taghmel dak rikjest minnha fl-okkazzjoni tal-arrest taghha. Fix-xhieda taghha matul il-proceduri, l-imputata wkoll tghid illi Portelli kien isawwatha jew jghajjat maghha meta ma tismax minnu u zzid tghid li kienet tibqa' mieghu, mhux biss ghaliex kellhom wild flimkien, izda wkoll ghax kienet thobbu.[27] Tghid ukoll illi meta gabret id-droga mill-post indikat lilha minn Portelli, kienet imbezza'[28] u li ghamlet dan l-izball ghaliex giet imgieghla minn Portelli[29].

Il-Qorti fliet ukoll u qieset fit-tul ir-rapport[30] u x-xhieda[31] tal-psikologa Roberta Holland, b'mod partikolari l-konkluzjonijiet taghha illi ghalkemm l-imputata ghandha kapacita` intelletwali funzjonali fuq bazi generali u ta' kuljum u ma jidhirx li hemm problema ta' intellett, hija ghandha livell baziku u konkret ta' introspezzjoni u analizi taghha nfisha, tal-hsibijiet u emozzjonijiet u mgieba taghha (izjed milli analitiku u profond), ghandha certa biza' mill-*partner* taghha, li huwa kapaci jezercita` ammont sinifikanti ta' kontroll fuqha u li hija kienet dejjem takkomodah biex ma tikkontrarjahx. "*Ghalkemm tirrejalizza li hemm xi aspetti fir-relazzjoni li ghandhom bzonn jinbiddlu sabiex ir-relazzjoni tkun xierqa, m'hix kapaci tiehu decizjoni jew azzjoni ghax izjed timxi fuq l-istint jew l-emozzjoni. Peress li temmen li l-partner taghha ihobbha, ghandha tendenza li ma tiddomandax dak li jistaqsiha, u peress li l-livell ta' riflessjoni taghha huwa baziku, hija takkomoda dak li jirrikjedi hu. Fil-fatt esprimiet certu sottomissjoni jew obligu lejh u lejn id-dmir ta' relazzjoni kif tifihma hi. F'dan l-ambjent u b'dawn l-atitudnijiet u twemmin, u forsi dipendenza fuq ir-relazzjoni, tista' tkun vulnerabli.*"[32] Fl-istess hin, ir-rapport jghid ukoll illi "*m'hijiex xi mara semplici jew bahnana li kull minn jipprova se jkun kapaci jghaddiha biz-zmien facilment jew kif gieb u lahaq*"[33] u wkoll illi hija tispjega l-attitudni tal-*partner* taghha u tal-

---

[23] A fol. 4 tal-process.
[24] A fol. 107 tal-process.
[25] A fol. 107 tal-process.
[26] A fol. 107 tal-process.
[27] A fol. 105 tal-process.
[28] A fol. 108 tal-process.
[29] A fol. 111 tal-process.
[30] A fol. 141 tal-process
[31] A fol. 132 tal-process.
[32] A fol. 147 tal-process.
[33] A fol. 148 tal-process.

fatt illi hija takkomodah "*ghax hu ihobbha u hi thobbu*"[34] u huwa f'dan is-sens illi hija tagixxi a bazi tal-emozzjonijiet u b'mod istintiv.

Min-naha l-ohra, il-Qorti qieset ukoll illi fl-ewwel lok, din ma kinitx l-ewwel darba illi l-imputata giet mitluba sabiex iddahhal id-droga l-habs da parti ta' Portelli u li hija stess tghid illi ghall-ewwel ma accettatx u li kien wara li baqa' jinsisti u anke heddidha li hija accettat li taghmel dan. Ghalhekk dan ma kienx il-kaz fejn l-imputata mal-ewwel accettat dak li kien qed jigi mitlub da parti taghha, izda kienet kapaci tirrezisti u effettivament irrezistiet lil Portelli ghal certu zmien. Mhux biss izda fix-xhieda taghha f'dawn il-proceduri, l-imputata tghid illi kien hemm okkazzjoni, qabel il-kaz odjern, meta hija ghamlet rapport gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan u dan ghaliex Portelli kien refa' jdejh fuqha. Dan juri ghalhekk illi l-imputata kienet kapaci tieqaf lil Portelli f'certi sitwazzjonijiet u li lanqas jista' jinghad illi kienet tibza' minnu b'tali mod li lanqas kienet kapaci taghmel rapport fil-konfront tieghu. Anzi meta refa' jdejh fuqha b'tali mod li weggaghha, irrikorriet gewwa l-ghassa tal-pulizija.[35] F'dan il-kaz, ghalhekk, izjed u izjed meta Portelli kien jinsab il-habs, l-imputata setghet facilment terga' tirrikorri ghall-pulizija b'mod li titlob il-protezzjoni taghhom. Ma kienx il-kaz ghalhekk illi l-forza barranija ezercitata minn Portelli fuqha kienet wahda irrezistibbli, izda kienet wahda li hija ma rrezistitx. Kif jghid il-Professur Mamo fin-noti tieghu "*Moral coercion operates as a ground for exemption from criminal responsibility when it <u>completely suppresses the possibility of a normal determination on the part of the person doing or omitting the fact</u>. When it does not attain such a degree of intensity, but leaves to that person the possibility of determining himself one way or another, even with with an effort or at some sacrifice, then the old maxim of Roman Law "coactus tamen voluit" applies and the fact is imputable, saving the discretion of the Court to mitigate the punishment within the latitude permitted by law, having regard to the particular circumstances under which the offence was committed*".[36]

Mhux biss izda jirrizulta wkoll mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputata u anke mix-xhieda taghha, illi kien kwazi gimgha qabel ma hija marret bid-droga gewwa l-habs, illi Portelli kien talabha biex iddahhallu l-borza in kwistjoni u li kien heddidha biex taghmel dan u fix-xhieda taghha, tghid ukoll illi filghodu marret ghall-vizita li fiha talabha biex iggiblu din il-borza u mbaghad, filghaxija, hija marret tigborha mill-post li ndikalha hu. Dan ifisser illi l-imputata ma kinitx soggetta ghat-theddid proprju fil-mument li hija hadet il-pussess tad-droga in

[34] A fol. 138 tal-process.
[35] A fol. 50 u 105 tal-process.
[36] *Lectures in Criminal Law (First Year)*, pg. 99.

kwistjoni u wisq inqas fil-mument li kienet qeghda twettaq l-att sussegwenti ossia li ddahhal id-droga gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-kaz ma japplikax l-iskriminanti kkontemplat fl-Artikolu 33(b) tal-Kodici Kriminali.

Ghaldaqstant, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet jirrizultaw sodisfacentement ippruvati fil-grad rikjest mil-ligi.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok il-gravita` tal-kaz odjern u illi fl-okkazzjoni tal-10 ta' Settembru 2012, l-imputata hadet maghha gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin – post intiz ghar-riforma u r-rijabilitazzjoni tal-abitanti tieghu – ben 7.71 gramma raza tal-*cannabis* u 3.58 grammi eroina - ammonti dawn illi anke fit-triq, izjed u izjed gewwa l-habs, ma jistax jinghad illi huma xi ammonti insinjifikanti, ghalkemm mhumiex ammonti kbar.

Qieset ukoll mill-banda l-ohra illi ghalkemm l-imputata ma rregistratx ammissjoni f'dawn il-proceduri, biss hija kkoperat bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha u anke rrilaxxjat stqarrija guramentata ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u li f'dan ir-rigward il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ghandu japplika l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Fic-cirkostanzi, il-Qorti qeghda tnaqqas il-piena ta' prigunerija bi grad u l-piena pekunjarja bin-nofs.

Qieset ukoll illi fiz-zmien in kwistjoni, il-fedina penali tal-imputata kienet wahda netta u baqghet netta saz-zmien li fih gie redatt is-*Social Inquiry Report* fir-rigward taghha, kif ukoll ic-cirkostanzi kollha li wasslu ghal dan il-kaz u b'mod specifiku x'wassal lill-imputata sabiex taghmel dak li effettivament ghamlet. Qieset ukoll f'dan il-kuntest ir-rapport tal-psikologa Roberta Holland li ghalih saret referenza izjed 'il fuq, kif ukoll is-*Social Inquiry Report* tal-Ufficjal tal-*Probation* Maria Mifsud. F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li ghandha teroga piena li tqarreb izjed lejn il-minimu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) u (f) tal-Kap. 9 fir-rigward tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 fir-rigward tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet min-naha l-wahda u l-hames imputazzjoni min-naha l-ohra.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 7(1) u 7(2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 17(b), (f) u (h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata mhux hatja tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u qeghda tilliberaha minnhom, fil-waqt illi qed issibha hatja tat-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet (b'dan illi fir-rigward tal-hames imputazzjoni qed issibha hatja biss fir-rigward tal-10 ta' Settembru 2012 u mhux fir-rigward tal-gimgha ta' qabel din id-data) u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundannaha ghall-piena ta' **sitt (6) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hatja f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hatja tiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti ghas-somma ta' tliet mija u tliet Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€303.26), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 404 Paul Camilleri ammontanti ghas-somma ta' wiehed u erbghin Euro u disgha u disghin centezmu (€41.99), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PC 1392 Kevin Buhagiar ammontanti ghas-somma ta' ghaxar Euro u tmienja u erbghin centezmu (€10.48) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti ghas-somma ta' mitejn, disgha u ghoxrin Euro u sittax-il centezmu (€229.16). Dawn l-ispejjez ammontanti b'kollox ghas-somma ta' hames mija, erbgha u tmenin Euro u disgha u tmenin centezmu (€584.89) ghandhom jithallsu mill-hatja fi zmien tliet snin mil-lum. B'dan illi kemm il-darba hija tonqos milli thallas dan l-ammont fiz-zmien lilha preskritt, kwalunkwe bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Dan sakemm fi zmien gimgha mil-lum, l-Ufficjal Prosekutur ma jinformax lil din il-Qorti, permezz ta' nota, illi huwa necessarju illi din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohrajn kontra terzi, b'dan illi f'dan il-kaz, ir-Registratur ghandu jirrapporta lil din il-Qorti, b'verbal, meta din id-droga tkun giet hekk distrutta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat